# Il-Gadrajja u x-*Ship Chandlers*

*Joe Abela*

Il-preżenza tal-bastimenti tar-*Royal Navy* fil-Port il-Kbir ħolqot attivita kummerċjali kbira fost il-komunita tal-barklori tal-lokal. Fl-1854 kien hemm 300 gadraj liċenzjati u fis-sena ta' wara dan in-numru kompla jikber. Fost l-għadd kbir ta' dgħajjes tradizzjonali li ħadmu fil-port eżisitiet waħda mill-aktar umli u mhux daqshekk popolari dik tal-*bumboat* imma l-Maltin ikkorrompew l-isem tagħha għal *bumbot* u saħansitra *bamboo*. Dawn id-dgħajjes pjuttost żgħar kienu bħal ħwienet żgħar fuq il-baħar li kienu jkun imballati b'oġġetti maħduma u ta' kull għamla. Peress li uħud mill-bastimenti tal-Flotta Ingliża kienu jorbtu mal-bagi u allura 'l hinn mill-mollijiet allura dawn kienu jużaw id-dgħajjes Maltin partikularment dik tal-pass, terminu fil-qosor għal passiġġieri li l-Ingliżi kienu jirreferu għaliha bħala diso. Kien hemm ukoll id-dgħajsa tal-gadraj jew ix-ship chandler. Il-ħidma tal-gadraj spiċċat fil-bidu tas-seklu għoxrin bl-introduzzjoni f'Malta tan-NAAFI (l-Istituzzjoni tan-*Navy, Army* u *Air Force*). Minħabba hekk ħafna mill-gadrajja Maltin batew il-ġuħ u bdew idaħħlu anqas flus għaliex riedu jħabbtu wiċċhom u jikkompetu man-NAAFI. Fl-1921 il-Gvern Ingliż ħoloq in-NAAFI biex jorganizza postijiet ta' mgħodija ta' żmien għall-Forzi Armati u biex ibiegħ oġġetti varji lin-nies u tas-Servizzi u lil familji tagħhom.

Ħafna qabel in-NAAFI kien hemm il-*Victualling Yard* jew kif uħud mill-lokal kienu jippronunzjawa '*l-Vitlin Yard*' li kienet tul ix-Xatt tal-Birgu, tibda mill-Ifran Navali, llum il-Mużew Marittimu ta' Malta sal-pont li jagħti għall-*quarter deck*. Id-dħul għal *Victualling Yard* kien permezz ta' mina li fuqha hemm ras ta' barri maħduma minn ġebla li tindika li dan l-istabbiliment iforni proviżżjonijiet tal-ikel. Il-Kummissarji tal-*Victualling* tan-*Navy* jew il-Board tal-*Victualling* kien il-korp responsabbli biex iforni ikel lill-bastimenti tar-*Royal Navy*. Dan kien imexxi l-operazzjoni enormi biex jissupplixxi biżejjed ikel, xorb u ħtiġijiet relatati lin-nies tan-



***Il-bagalja tal-injam tipika tal-gadraj***
*Mużew Marittimu ta' Malta, Heritage Malta*





***Fil-bagalja jidhru suveniri tal-fidda u xogħol lokali tal-bizzilla maħdum bl-idejn***
*Mużew Marittimu ta' Malta, Heritage Malta*

navy biex ikunu jistgħu jkomplu b'ħidmiethom għal xhur sħaħ f'kull stazzjon li kellhom u f'kull rokna tal-globu. Il-korp eżista bejn l-1683 sal-1832 meta l-funzjonijiet tiegħu ingħataw lil Uffiċju tal-Kontrollur tal-*Victualling* u tat-Transport sal-1869 meta ħadlu postu d-Dipartiment tal-*Victualling*.

Għalkemm l-Ammiraljat kien iforni regolarment il-bastimenti tiegħu xorta waħda n-negozjanti Maltin kienu jitħallew ifornu proviżżjonijiet addizzjonali meta wieħed jikkonsidra d-domanda kbira minn ekwipaġġi relattivament numerużi li kienu jgħixu fi spazji limitati. Il-gadraj jew ix-*ship chandler* kien jinnegozja bl-ingrossa filwaqt li l-*bumboatman* kien ibiegħ bl-imnut. Il-*bumboatman* kien joffri għal bejgħ oġġetti maħduma bl-idejn lokalment li kienu jiġbdu l-attenzjoni tal-ekwipaġġi Ngliżi. Fl-aqwa ta' żmienhom il-*bumboats* fost oħrajn kienu imballati b'bosta oġġetti tad-drapp fosthom bizzilla ta' Malta, pakketti bl-imkatar, qomos, kpiepell, ingwanti u xogħol ieħor tal-ħarir. Għal bejgħ kien hemm ukoll karti tal-ittri, pinen, linka, lapsijiet u kartolini b'tema lokali. Bosta kienu jfittxu xogħol tal-filogranu għax kien ferm popolari. Mal-lista kien hemm ukoll il-kafe, te, ċikkulata, xorb u saħansitra fwejjaħ u sapun.

Xhud li kien deher quddiem il-Kumitatt tal-*Canteen and Victualling Arrangements* kien rapurtat li kien allega li l-*bumboatmen* Maltin kienu marru fl-estremita li kienu jfornu b'xejn l-għamara fid-djar tal-uffiċjali Ngliżi. Nistgħu ngħidu li dan huwa każ tipiku ta' ħokli dari ħalli nħokklok tiegħi. In-*Navy Canteen and Victualling Arrangements* kien appuntat biex jistħarreġ kwistjonijiet relatati fil-Flotta Ingliża.

Bħal żmiena fl-antik kien hemm numru kbir ta' *ship chandlers* li xogħolhom kien li jfornu bastimenti kummerċjai u navali fil-port b'ikel u proviżjonijiet essenzjali oħra. Aktar iva milli le ix-*ship chandler* kien ikun minn tal-ewwel li jagħmel kuntatt mal-kaptan u mal-*purser*. Ix-*ship chandler* kien jagħmel l-almu tiegħu biex jimpressjona lil klijent tiegħu u jassigura li fil-futur ikollu aktar ordnijiet billi jqassamhom fl-aktar ħin qasir u bi prezzijiet kompettitivi. Mill-esperjenza kien ikun jaf x'għandu jaħżen u liema kienet l-aktar marka popolari. Ix-*ship chandlers* lokali kienu jużaw id-dgħajsa jew il-luzzu li kien aktar goff u li ġeneralment kien jintuża għas-sajd jew għat-trasport.

Okkazzjonalment il-gadraj Malti bħal barklori tad-dgħajsa tal-pass kienu jimbarkaw fuq il-bastimenti tar-*Royal Navy* matul il-kruċieri ta' rutina. Żewġ gadrajja Maltin ingħaqdu mal-ekwipaġġ tal-flagship HMS *Victoria* għall-kruċiera tas-sajf fil-Mediterran fit-22 ta' Ġunju 1893. Din il-kruċiera intemmet fi tradeġa meta l-*flagship* ħabtet ma' HMS *Camperdown* waqt il-manuvri b'telf ta' bosta ħajjiet fosthom dawk Maltin u baħħara mill-Isla. Qabel mal-*Victoria* għerqet l-ekwipaġġ inġabar fuq il-gverta biex meta tingħata l-ordni jabbanduna l-bastiment. Madankollu żewġ gadrajja Maltin għax forsi twerwru qabżu l-baħar qabel il-*Master-at-Arms* ta l-ordni għll-abbandun tal-bastiment.

Lady Anna Brassey (1839-1887) kittieba u filantropista Ingliża ta' reputazzjoni għamlet ħafna vjaġġi bil-baħar inkluż il-Mediterran bejn 1874 u 1878 abbord il-bastiment merkantili *Sunbeam*. Nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru 1876 is-*Sunbeam* daħal fil-Port il-Kbir wara li kien qala' xebgħa baħar. Meta wasal fil-port l-ekwipaġġ innutaw li l-bnadar kollha tal-madwar ittajru mezza lasta u bosta staqsew lil gadraj tagħhom x'kienet ir-raġuni ima dan ma kienx jaf. Wara l-ekwipaġġ u l-passiġġieri saru jafu li kienet mietet il-Prinċipessa Alice. Jidher li l-gadraj kien mistenni li jkollu risposta għal kull mistoqsija.

Kien hemm bosta gadrajja u *ship chandlers* li għexu u ħadmu mill-postijiet tagħhom fl-Isla filwaqt li oħrajn kienu jaħdmu għal negozjanti mill-Belt. Is-Senglean Salvu Formosa magħruf bħala l-Pa Salv li apparti li kien jaħdem bid-dgħajsa tal-pass tiegħu jġorr il-passiġieri kien ukoll jaħdem ma' *ship*



***Salvu Borg, il-Pa Salv, bid-dgħajsa tax-xogħol. Fil-pruwa jidher fender għall-ilqugħ meta d-dgħajsa tittrakka mal-bastimenti biex jinħatt ix-xogħol.***

*Ritratt mill-kollezzjoni ta' Ms. Marlene Cordina bint Salvu*



*Salvu mal-Ġgant bl-imħażen tiegħu jidhru warajhom fix-Xatt tal-Belt.*
*Ritratt mill-kollezzjoni ta' Ms. Marlene Cordina bint Salvu*



*Salvu Borg fuq id-dgħajsa tiegħu mballata bix-xogħol biex iforni l-bastimenti.*
*Ritratt mill-kollezzjoni ta' Ms. Marlene Cordina bint Salvu.*



*Salvu Borg u Naser tal-Ġgant qed jgħabbu d-dgħajsa.*
*Ritratt mill-kollezzjoni ta' Ms. Marlene Cordina bint Salvu*



*Kaxxi ta' kull daqs biex jaqdu l-bżonnijiet tal-bastimenti.*
*Ritratt mill-kollezzjoni ta' Ms. Marlene Cordina bint Salvu*



*Wieħed mill-bastimenti li kienu jfornu bid-dgħajsa ta' Salvu. Dan huwa cutting minn gazzetta mill-album li kellu Salvu. Huma kienu jaħdmu għall-kumpaniji Lambert u Ripard. Waħda mill-kumpaniji kienu laqqmuha Tal-Bajda.*
*Ritratt mill-kollezzjoni ta' Ms. Marlene Cordina bint Salvu*



***Qed jinħatt ix-xogħol għal abbord min fuq id-dgħajsa ta' Salvu.***
*Ritratt mill-kollezzjoni ta' Ms. Marlene Cordina bint Salvu*

*chandler*. Huwa kien impjegat ma' ċertu individwu mill-Belt jgħidulu l-Ġgant li kellu n-negozju tiegħu ħdejn il-Pixkerija. Permezz tad-dgħajsa tiegħu li kienet miżbugħa ħadra kien jieħu l-proviżżjonijiet lil bastimenti merkantili bħall-*Livorno* jew tal-*Bajda* kif imlaqqam mix-*ship chandlers*.

Ċertu Ġanni Pulo mlaqqam il-Lalli ukoll mill-Isla opera bħala *ship chandler* mill-post tiegħu fi Triq is-Sur ħdejn il-mina ż-żgħra li twassal għal-Ponta. Il-komunita sinjura u devota tal-lokal tat donazzjonijiet ġenerużi lil Knisja u bħala eżempju nsemmu l-kontribuzzjonijiet finanzjarji biex jassistu l-bini tal-knisja tal-Portu Salvu. Ġanni Pulo mexa fuq dan l-eżempju u flimkien ma' ħutu għamel tajjeb għall-induratura tal-fidda tal-globu tal-istatwa tal-Madonna tal-Vitorja jew kif popolarment magħrufa bħala l-Bambina.

Fi Triq is-Sirena kien hemm in-negozju ta' Benny Vella li kien jaħdem bħala gadraj. Ibnu Ġużeppi wiret in-negozju u li mexxieħ sat-Tieni Gwerra Dinjija. Benny bħal sħabu n-negozjanti marittimi tal-lokal u familtu ma kienux eċċezzjoni għaliex ħallas għan-niċċa tal-Madonna tal-Portu Salvu li tinsab quddiem il-mina immarkata *Point Sally Port* kantuniera ma' Triq is-Sirena u wkoll li twassal għat-tarag tal-Ponta. Jum fost l-oħrajn wieħed Għawdxi kien jaħti għar-rovina tan-negozju tal-familja Vella. Dan l-individwu ġie Malta biex jinnegozja ma' Vella u ftehemu li l-Għawdxi jixtri b'kemm jiswew £500 gvieret u li dawn jitħallsu bid-dejn. Dan il-midjun qatt ma' reġa' ġie lura biex iħallas u meta wieħed iqies l-ammont kbir ta' flus involuti dan il-fatt wassal biex in-negozju ta' Vella falla. Il-familja kellha wkoll ħanut ieħor fi Triq iż-Żewġ Mini ħdejn il-knisja tal-Portu Salvu. Il-Ħanut kien jissupplixxi lil bastimenti kummerċjali u kien jismu *Red Star* forsi għal waħda mill-kumpaniji marittimi li kienet stabbilita f'Malta.



***Lura d-dar wara ġurnata xogħol.***
*Ritratt mill-kollezzjoni ta' Ms. Marlene Cordina bint Salvu*

Fl-istess triq kien hemm gadraj ieħor jismu Ġanni li kellu wkoll laundry biex isservi l-baħrin. Ftit metri 'l bogħod kien hemm il-ħanut ta' Pietru magħruf bħala Barabba li kien jixtri ż-żebgħa minn abbord. Fil-viċinanza u biswit il-Gardjola kien hemm *ship chandlery* ta' tlieta min-nies bl-isħma



***Benny Vella, gadraj mill-Isla, jidher fuq id-dgħajsa tax-xogħol tiegħu.***
*Ritratt bil-kortesija ta' Tancred Boldarini. Benny Vella jiġi il-bużnannu tas-Sur Tancred Boldarini*



To,
Mr. Ben Vella.
Bumboat-man,
H. M. S. "Brenizer".

H. M. S. "Brenizer".
Lemnos
August 20th/07.

This is to certify
That Ben Vella, bumboatman
has served the ships company
with every satisfaction at the
cheapest rates, and has given
no cause for any complaint.
I can thoroughly recommend
him as a honest and
capable man, who gives the
strictest attention to every
demand of the men.

L. G. Preston.
Commander.

*Ittra ta' rakkomandazzjoni lil Ben Vella mill-kaptan ta' HMS* Brenizer.

*Mill-kollezzjoni ta' Tancred Boldarini*



*Timbri tan-negozju ta' Ben Vella & Son tal-hanut bl-isem Red Star.*

*Mill-kollezzjoni ta' Tancred Boldarini*


li. 15. Novembre. 1929.
Sin Vincenzo Vella
Ma. Ricardo. Mizzi
Mano-Fattora del Mezanino

POSTAGE AND REVENUE — 15/11/29

£1-.6-

Sodisfatto
Ricardo-Mizzi

*Irċevuta tal-1929 ta' negozju bejn Vella u Mizzi.*
Mill-kollezzjoni ta' Tancred Boldarini


No. 11009 £28.15.9
Treasury
OFFICE OF THE RECEIVER GENERAL AND DIRECTOR OF CONTRACTS.
VALLETTA, 27th april 1920
Received of Mr Benedetto Vella
the sum of Twenty-eight pounds, fifteen shillings & nine pence, being Excess Profits Duty, as per Return no. 267

~~Receiver General and Director of Contracts.~~
for Treasurer

***Irċevuta tat-taxxa li hallas Benedetto Vella fl-1909.***
Mill-kollezzjoni ta' Tancred Boldarini




***Roll biż-żigarella safra u ħamra, il-kuluri tal-Isla, immarkata bl-isem tal-proprjetarju u tan-negozju inkluż l-indirizz '162, Strada Due Porte, Senglea' u 'H.M.S. Messes and Canteen'. Fil-ġenb tar-romblu tidher xafra biex taqta' ż-żigarella. Għal dak iż-żmien dan kien ikkonsidrat bħala prestiġju.***
Mill-kollezzjoni ta' Tancred Boldarini




***Business Card ta' Ben Vella.***

*Mill-kollezzjoni ta' Tancred Boldarini*

bejniethom li kienu Carmelo Caruana, Sunta Borg u sieħeb ieħor. Għax-xogħol kellhom żewġ bagalji kbat tal-injam li kellhom tul ta' kważi 2 metri li kienu jkunu ippakkjati u lesti għal konsenja. Kienet tkun ta' kedda biex il-bagalji jinġarru minn dan il-post għal fuq id-dgħajsa u wara jittieħdu għal fuq il-bastiment. Ta' min jikkonsidra li minn dan in-negozju sal-moll kien hemm ħafna taraġ u għalhekk ma kienx isir użu mill-karettun.

Kien hemm ukoll in-negozju ta' Michele Borg Costanzi li kien joqgħod Triq il-Ponta fejn kienu jsibuh bħala Sqaq il-Bajd. In-negozju tiegħu ta' Ship Chandler kien jinsab fi Triq is-Sirena propju fuq l-Għar tas-Sirena, faċċata ta' Forti Sant'Anġlu. Il-maħżen tiegħu kien f'għar kbir li beda' jissejjaħ l-Għar ta' Mikelin, li kien jindika l-isem tas-sid tan-negozju.

Kien hemm ukoll in-negozju ta' Michele Borg Costanzi li kien joqgħod Triq il-Ponta fejn kienu jsibuh bħala Sqaq il-Bajd. In-negozju tiegħu ta' *Ship Chandler* kien jinsab fi Triq is-Sirena proprju fuq l-Għar tas-Sirena, faċċata ta' Forti Sant'Anġlu. Il-maħżen tiegħu kien f'għar kbir li beda' jissejjaħ l-Għar ta' Mikelin, li kien jindika l-isem tas-sid tan-negozju.

Il-barklor John Micallef li joqghod l-Isla dari kien iwassal bid-dghajsa tieghu lil ċertu Toni il-Felu li kien joqgħod il-Kalkara biex ibiegh il-bizzilla lin-nies tal-baħar. Toni kellu l-imħażen tiegħu il-Furjana fit-Telgħa tal-Kurcifiss. Huma kienu jmorru ma' ġenb il-bastimenti li kienu marbuta mal-bagi biex iħajruhom jixtru. Toni kellu l-permess biex imur abbord u jinnegozja. In-negozju kien isir mal-bastimenti tar-*Royal Navy*, dawk tat-Truppi u tal-passiggieri.


25. 3. 21

Mr. Ben Vella
147 Strada Due Porte.
Senglea Malta

My Dear Mr. Vella.

This is to Certify:-
That you supplied the majority of messes in H. M. S. [illegible] with provisions of the finest quality at the current rate for over three years 1896 to 1900, in the latter part of our commission none of our messes would deal with any one else.

Again Sir.-
You supplied H. M. S. "Crane" during the years 1904 to 1907. also several other Destroyers [illegible] every occasion you gave the utmost satisfaction not only to the [illegible] mens messes but also to the officers by your careful consideration and attention to the requirements of the ships companies as regards supplies, and the officers as regards discipline

I consider you a very worthy gentleman and your son is a chip off the old block (please excuse this old phrase).

As this is probably my last visit to Malta I beg you will take these few words as written from the heart

Yours very Sincerely
Will. H. Fidler.
Comd. Gr. I
H. M. S. "Benbow" 1919-1921

Private address
"Darleydale"
30 Glenpark Avenue
Plymouth
England

***Ċertifikat maħruġ mill-kaptan ta' HMS* Cane *li jfaħħar is-servizzi ta' Benny Vella bejn l-1904 u l-1907 u li saħansitra nibtet ħbiberija personali bejniethom. Dan jidher ċar għaliex il-kaptan Fidler kiteb l-indirizz personali tiegħu fl-aħħar tal-ittra.***

*Mill-kollezzjoni ta' Tancred Boldarini*

Wara li l-bastiment kien jidħol fil-port u jingħata l-pratka l-gadrajja u x-*ship chandlers* kienu jkunu minn tal-ewwel li jitilgħu abbord wara li kien ikollhom il-permess tad-dwana. Ġeneralment ma' kienx jitilgħu abbord aktar minn żewġ gadrajja fl-istess ħin imma ma' ġenb il-bastiment setgħu jinġabru kemm kemm riedu. Dawn kienu jixtru oġġetti bi prezzijiet relativament irħas u kienu jgħamlu qligħ tajjeb ħafna wara l-bejgħ tagħhom.

Illum il-biċċa l-kbira tal-bastimenti li jżuru Malta jorbtu mal-mollijiet u għalhekk ma' baqagħax użu għal dawn id-dgħajjes. Għalkemm il-bastimenti għadhom jieħdu l-provizzjonijiet mill-portijiet tagħna dan qiegħed isir b'mezzi aktar moderni u b'anqas tbagħatija fiżika. Fl-Isla ma' għadx baqa' dawn it-tipi ta' xogħolijiet iprovduti mill-imħażen tal-lokal tas-Sengleani.